

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fil-21 ta' Novembru 2011 — Tarragona Power S. L. vs Gas Natural SDG, S.A., Administración del Estado, Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A. u Endesa, S.A.**

**(Kawża C-580/11)**

(2012/C 39/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qorti tar-rinvju

Tribunal Supremo (Spanja)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tarragona Power S.L.

Konvenuti: Gas Natural SDG, S.A., Administración del Estado, Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A. u Endesa, S.A.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill 2003/87/KE<sup>(1)</sup>, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissionijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, jista' jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' miżuri leġiż-lattivi nazzjonali bħal dawk eżaminati fil-kawża preżenti, li l-għan u l-effett tagħhom huwa li r-remunerazzjoni tal-attività ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika titnaqqas bl-ammont ekwivalenti għall-valur tal-kwoti ta' emissionijiet ta' gassijiet serra allokat mingħajr ħlas matul il-perijodu korrispondenti?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 15, Vol. 7, p. 631.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fil-25 ta' Novembru 2011 — Gas Natural SDG, S.A., Bizcaia Energia, SL vs Administración del Estado, Endesa, S.A., Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A. u Iberdrola, S.A.**

**(Kawża C-591/11)**

(2012/C 39/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qorti tar-rinvju

Tribunal Supremo (Spanja)

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gas Natural SDG u S.A., Bizcaia Energia, S.L.

Konvenuti: Administración del Estado, Endesa, S.A., Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A. u Iberdrola, S.A.

### Domanda preliminari

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE<sup>(1)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissionijiet ta' gassijiet serra

ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, jista' jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' miżuri leġiż-lattivi nazzjonali bħal dawk eżaminati fil-kawża preżenti, li l-għan u l-effett tagħhom huwa li r-remunerazzjoni tal-attività ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika titnaqqas bl-ammont ekwivalenti għall-valur tal-kwoti ta' emissionijiet ta' gassijiet serra allokat mingħajr ħlas matul il-perijodu korrispondenti?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 15, Vol. 7, p. 631.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Jurisdiction de Proximité de Chartres (Franza) fil-25 ta' Novembru 2011 — Hervé Fontaine vs Mutuelle Générale de l'Éducation Nationale**

**(Kawża C-603/11)**

(2012/C 39/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinvju

Jurisdiction de Proximité de Chartres

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Hervé Fontaine

Konvenuta: Mutuelle Générale de l'Éducation Nationale

### Domanda preliminari

L-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iffirmat f'Lisbona fit-13/12/2007, u li daħal fis-seħħ fit-territorju Franċiż fl-1/12/2009, jipprekludu leġiż-lazzjoni nazzjonali bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu L 112-1 tal-Code de la Mutualité Franċiż, sa fejn l-interpretazzjoni ta' din il-leġiż-lazzjoni tipprovbixxi lill-kumpanniji mutual ta' assigurazzjoni li jipprovdū assigurazzjoni addizzjonali tas-saħħa milli jvarjaw il-benefiċċi tagħhom skont il-kundizzjonijiet ta' ħruġ ta' ċertifikati u ta' servizzi, filwaqt li din ir-restrizzjoni ma hijex imposta fuq kumpanniji oħra li wkoll jipprovdū assigurazzjoni addizzjonali tas-saħħa, kemm jekk huma rregolati mill-Code des Assurances jew mill-Code de la Sécurité Sociale?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fit-2 ta' Diċembru 2011 — Bahía de Bizcaia Electricidad, S.L. vs Gas Natural SDG, S.A., Endesa S.A., Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A. u Administración del Estado**

**(Kawża C-620/11)**

(2012/C 39/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qorti tar-rinvju

Tribunal Supremo (Spanja)